MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-5 ta' Frar, 2025

Appell Inferjuri Numru 11/2024 LM

**Conrad u Diane Sciortino**
*('l-appellati')*

***vs.***

**Halmann Vella Limited** *('is-soċjetà appellanta)*
**u Il Camino Hearth at Home Limited** *('is-soċjetà appellata')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà konvenuta **Halmann Vella Limited (C 28088)** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellanta'], mid-deċiżjoni mogħtija fit-22 ta' Mejju, 2024 [minn issa 'il quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] mit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumatur [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], li ddeċieda it-talbiet tal-atturi **Conrad u Diane Sciortino** [minn issa 'l quddiem 'l-

appellati'] fil-konfront tas-soċjetà appellanta u tas-soċjetà konvenuta **Il Camino Hearth at Home Limited** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellata'], kif ġej:

> *"Għalhekk fl-isfond tas-suespost, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi li jilqa' parzjalment it-talba tal-atturi u, filwaqt li jillibera lis-soċjetà Camino Hearth at Home Limited mill-osservanza tal-ġudizzju, jikkundanna lis-soċjetà Halmann Vella Limited li, fi żmien xahar mid-data ta' din is-sentenza jirrimpjazzaw, a spejjeż tagħhom ż-żewġ irħamiet danneġġjati u, fin-nuqqas tikkundanna lill-istess soċjetà Halmann Vella Ltd li tħallas lill-atturi s-somma ta' elfejn u tliet mitt euro (€2,300). Bl-ispejjeż kontra l-istess soċjetà Halmann Vella Ltd."*

**<u>Fatti</u>**

2. Fl-avviż tat-talba tagħhom, l-atturi spjegaw li huma ordnaw mingħand is-soċjetà konvenuta Halmann Vella Limited, irħama tat-tip 'Squola Brown' għall-prezz ta' €3,688.98, u infurmawha li fuq l-istess irħama kellu jitwaħħal *fireplace* li l-atturi xtraw mingħand is-soċjetà konvenuta Il Camino Hearth at Home Limited bil-prezz ta' €4,400. L-atturi qalu li kienet is-soċjetà Halmann Vella Limited li insistiet li tibgħat *tile-layer* tagħha, ċertu Godwin Attard, sabiex dan itaqqab l-irħama f'dik il-parti fejn kellu jiġi installat il-*fireplace,* sabiex ma tiġix ikkawżata ħsara fl-irħama. L-atturi qalu li ġimagħtejn wara li tqiegħed il-*fireplace,* l-irħama ixxaqqet f'żewġ partijiet orizzontali. L-atturi qalu li huma talbu spjegazzjoni liż-żewġ soċjetajiet konvenuti dwar x'seta' ġara, iżda baqgħu mingħajr rimedju, u filwaqt li s-soċjetà konvenuta Halmann Vella Ltd qalet li hija mhijiex responsabbli għall-ħsarat li saru fl-irħama, u li l-irħama għandha reżistenza kbira għas-sħana u tiflaħ għal temperaturi għoljin, is-soċjetà Il Camino Hearth at Home Limited sostniet li l-*fireplace* ġie installat skont is-sengħa u l-arti, u li hija mhijiex responsabbli għal kwalunkwe ħsara fl-irħama. L-

atturi qalu li huma ġew ippreġudikati għaliex huma nefqu b'kollox l-ammont ta' €8,088.98, u ġimgħatejn wara li ġie installat il-*fireplace,* huma waqfu jużawh minħabba l-biżgħa li ssir aktar ħsara. Qalu wkoll li huma rrikorrew quddiem it-Tribunal sabiex il-każ tagħhom jiġi investigat, inkluż bl-għajnuna ta' esperti tekniċi, filwaqt li talbu lit-Tribunal jikkundanna lis-soċjetajiet konvenuti, jew lil min minnhom, iħallsuhom is-somma ta' €3,500.

3. Is-soċjetà konvenuta Il Camino Hearth at Home Limited ma ressqet l-ebda risposta għall-avviż tal-atturi.

4. Is-soċjetà konvenuta Halmann Vella Limited wieġbet li t-talbiet tal-atturi għandhom jiġu miċħuda, u żiedet tgħid li hija mhijiex leġittima kontradittriċi għaliex mhux hi installat iċ-ċumnija li kkawżat ħsara fl-irħama li pprovdiet hi. Qalet ukoll li hi pprovdiet l-irħama tal-kwalità pattwita, u din l-irħma ġiet installata skont is-sengħa u l-arti, u l-fatt li l-irħama xxaqqet ma taħtix għalih hi. Qalet ukoll li hija m'għandha tbati l-ebda spejjeż marbuta ma' dawn il-proċeduri.

**<u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>**

5. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fit-22 ta' Mejju, 2024, it-Tribunal laqa' t-talbiet tal-atturi parzjalment, filwaqt li llibera lis-soċjetà konvenuta Il Camino Hearth at Home Limited mill-osservanza tal-ġudizzju, wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"Ikkunsidra*
>
> *Illi rriżulta mill-provi illi fi Frar 2021 ir-rikorrenti ordnaw irħama mingħand is-soċjetà Halmann Vella Limited u f'Marzu 2021 ordnaw* fireplace *mingħand is-soċjetà Il*

*Camino Hearth at Home Ltd. Ir-rikorrent Conrad Sciortino spjega li s-soċjetajiet intimati kienu in kuntatt ma' xulxin u Halmann kien jaf illi kien ħa jeħel* fireplace *fuq l-irħama, tant li kellmu bejniethom minn qabel biex jaraw fejn ħa jiġu t-toqob, li fil-fatt saru min-naħa ta' Halmann stess, biex ma jkunx hemm problemi. Wara, David Borg, ir-rappreżentant tas-soċjetà Camino ġab in-nies tiegħu biex jinstallaw il-*fireplace *fit-toqob eżistenti. Ġimagħtejn wara li ġie installat kollox ħarġet xaqq/krekkjatura. Ir-rikorrenti kienu ltaqgħu mas-soċjetajiet intimati li min-naħa tagħhom it-tnejn qalu li ma kinux responsabbli għal dak li ġara.*

*It-Tribunal ra l-affidavit ta' David Borg direttur tas-soċjetà Il Camino Hearth at Home Ltd li qal illi ilu involut fil-bejgħ u installar ta'* fireplaces *mis-sena 1984. Ikkonferma illi f'Marzu 2021, ir-rikorrenti xtraw* fireplace *tad-ditta Barbros Bellfires għall-prezz ta' €4,400 u dan wara illi r-rikorrenti infurmawh illi huma xtaqu jwaħħluha fuq biċċa irħama. Min-naħa tiegħu avża lir-rikorrenti biex meta jixtru l-irħam mingħand Halmann Vella, jgħidulhom illi fuq l-irħam ħa jitwaħħal* fireplace *u fil-fatt issuġġerixxa illi jkunu Halmann stess illi jtaqqbu l-irħam fil-post fejn kellu jitwaħħal il-*fireplace *– kif fil-fatt seħħ. Qal ukoll illi ħadd mis-soċjetà intimata Halmann qatt ikkomunika magħhom biex jagħtuhom struzzjonijiet għal kif għandu jitwaħħal il-*fireplace *– eż jekk kellhomx jużaw* torque spanner *u lanqas ma tawhom informazzjoni u dettalji dwar in-natura tal-irħam u l-ammont ta'* pressure *li jista' jżomm.*

*Illi wara li sar l-installar, hu mar fuq il-post tar-rikorrenti biex jistartja l-*fireplace *u jiżgura li kien qed jaħdem u biex jispjegaw kif għandhom jużaw il-*fireplace *u r-*remote control*. Xi ġimagħtejn wara l-installar, ir-rikorrent ċempillu hekk kif l-irħama xxaqqet mal-wiċċ tal-istruttura. Għalhekk hu mar id-dar tar-rikorrent biex jikkonstata l-ħsarat fejn hemmhekk kien hemm rappreżentant ta' Halmann Vella Ltd li qal illi l-ħsara kienet minħabba t-temperatura għolja. Wara biddel fehemtu u sostna li l-ħsarat saru minħabba n-nuqqas ta' użu ta'* 'torque spanner' *meta sar l-installar. Borg sostna illi x-xquq, però, ma bdewx mill-*bolts *fejn il-*fireplace *ġie mwaħħal mis-soċjetà intimata, imma iktar 'l isfel u l-*fireplace *kien installat skont l-arti u s-sengħa u mhux minħabba xi nuqqas min-naħa tas-soċjetà Camino. Dakinhar, Borg innota wkoll illi l-irħama kienet vojta u mhux imwaħħla sew.*

*Illi t-Tribunal ra ukoll l-affidavit ta' Anthony Faenza, li ġie mqabbad mis-soċjetà Camino Hearth at Home Ltd., biex jinstalla fuklar fir-residenza tar-rikorrenti. Qal illi ilu jagħmel dan ix-xogħol għas-soċjetà għal aktar minn tmintax-il sena u għandu tlieta u għoxrin sena esperjenza f'dan ix-xogħol. Fil-fatt hu mexa skont il-proċedura mniżżla fl-*Installation and Maintenance Manual *tal-fuklar in kwistjoni, kif dejjem jagħmel u uża* spanner *normali biex jorbot il-*bolts*. Qal ukoll illi tul l-esperjenza professjonali*

*tiegħu qatt ma kellu bżonn juża* torque spanner *u ma rċieva l-ebda informazzjoni jew dettalji dwar l-irħam jew struzzjonijiet li kellu jintuża* torque spanner*.*

*It-Tribunal ra wkoll l-affidavit tal-ġeologu Peter Gatt illi fuq talba tas-soċjetà intimata Il Camino Hearth at Home mar fuq il-post tar-rikorrenti u eżamina t-tliet biċċiet irħam (A, B u C) tat-tip Sequoia Brown Marble u kkonkluda hekk:*

- A fracture cutting across banding in slabs B and C produced a discontinuity in both slabs.
- The fracture developed a few days after a fireplace was installed on Slab B.
- The fracture pattern is typical of a transcurrent stress and does not show evidence of extension.
- A common stress regime affected both slabs B and C producing sinistral transcurrent movement in slab B and dextral transcurrent movement in slab C.
- There is no evidence of radial pattern of fractures associated with overpressure of a tightly screwed bolt on the slab.
- Transcurrent strain evident in the slabs is not related to the fixing of bolts during and after the installation of the fireplace but is due to some other external stress.

*Ikkunsidra*

*It-Tribunal għandu quddiemu żewġ relazzjonijiet – wieħed tal-perit Godwin Abela imqabbad minn dan it-Tribunal, li mar fuq il-post u rrelata fuq il-ħsarat wara li rċieva informazzjoni mingħand is-soċjetajiet rispettivi permezz ta’* email *u relazzjoni oħra* ex parte *tal-ġeologu Peter Gatt illi mar fuq il-post fil-preżenza tar-rikorrent Conrad Sciortino kif ukoll David Borg, id-direttur tas-soċjetà intimata Il Camino Hearth at Home Ltd.*

*Illi l-ġeologu Gatt xehed ukoll* viva voce *quddiem it-Tribunal, fejn spjega illi hu ma ra l-ebda evidenza li dawn il-*cracks *ġew kawżati minħabba sikkar jew minħabba li ma ntużax* torque spanner *għaliex kieku l-fratturi kienu jkunu* radial *jew konċentriċi. Ikkonkluda illi l-i*stresses *setgħu ġew minn ċaqliq tal-bini, peress illi l-irħama hija mwaħħla mal-ħajt. Spjega li l-materjal in kwistjoni huwa* brittle*, huwa ħafna iktar sensittiv għal* stresses *mill-bini nnifsu. Ma eskludiex illi jkun hemm fatturi oħra – bħal pereżempju espansjoni tal-irħam minħabba sħana. Meta l-irħama tespandi u peress illi din tkun imwaħħla mal-ħajt, ma jkollhiex spazju fejn tagħmel din l-espansjoni. Qal ukoll illi* slab B *– fejn ġie mwaħħal il-*fireplace *kien imxaqqaq parzjalment filwaqt li* slab C *huwa 90% imxaqqaq – u allura ma jidhirx li hemm konnessjoni bejn it-twaħħil tal-*fireplace *u l-*

*fratturazzjoni. Fil-fatt f'*slab B *il-frattura tinsab 12 cm iżjed 'l isfel mill-*bolt *innifisha u li kieku din kienet minħabba s-sikkar, il-fratturazzjoni kienet tibda mill-*bolt *innifisha. Xehed ukoll illi meta ħabbat mal-irħam, induna li kien hemm ħoss vojt u dan ifisser illi jew l-irħam ma ġiex imwaħħal sew jew inkella kien hemm distakk bejn l-irħama u l-ħajt u allura t-tort huwa tal-persuna li waħħal l-irħama, għax ma jkunx waħħalha sew u jkun hemm distakk. Qal ukoll illi 92* mega pascals *hija b'saħħitha ħafna u l-irħam kienet tiflaħ għal* fireplace. *Mistoqsi in kontro-eżami fuq l-użu tat-*torque spanner*, il-ġeologu qal illi dak mhuwiex kompitu tiegħu u ma jistax jgħid jekk l-użu ta'* torque spanner *kienx ikun aħjar fiċ-ċirkostanzi.*

*Ikkunsidra*

*Illi għalkemm it-Tribunal għandu quddiemu żewġ relazzjonijiet b'żewġ konklużjonijiet differenti, fil-verità fiż-żewġ rapporti u anke fl-eskussjoni sussegwenti, ħareġ ċar illi ma hemmx raġuni waħda għaliex l-irħam ixxaqqaq u jaf ikun hemm numru ta' probabbiltajiet u spjegazzjonijiet.*

*Filwaqt li l-perit Abela kkonkluda li dan probabbilment ġara minħabba n-nuqqas ta' użu ta'* 'torque control spanner' *biex jiġi aċċertat il-pressjoni, il-ġeologu Gatt ikkonkluda li dan probabbli ġara minħabba xi tip ta' ċaqliq tal-bini* (stresses), *peress illi l-irħama kienet imwaħħla mal-ħajt. Qal ukoll illi meta ħabbat fuq l-irħama induna illi kien hemm ħoss vojt (fn. 1:* tapping of the slabs by hand often resulted in a hollow sound, normally produced when the slab is decoubled from the wall (page 3 of report)) *u dan ikkorrobora t-teorija tiegħu li kien hemm ċaqliq minħabba d-distakk bejn l-irħama u l-ħajt peress li l-irħama ma twaħħlitx u ma ġietx installata sew. (fn. 2: dan ifisser jew ma ġiex imwaħħal sew jew hemm distakk bejn l-irħama u l-ħajt u dan jikkorrobora li kien hemm ċaqliq. Hemm possibilità li l-irħama ma twaħħlitx sew mela allura t-tort huwa ta' min waħħal l-irħama għax ma jkunx waħħal sew u jkun hemm distakk – kontro-eżami ta' espert Peter Gatt).*

*Illi f'dawn iż-żewġ ipoteżi, it-Tribunal jidhirlu illi fl-aħħar mill-aħħar it-tort aħħari aktarx kien ta' Halmann Vella Limited.*

*Illi fir-rigward tal-ewwel ipoteżi, ġialadarba Halmann Vella Ltd kienu qed jissupplixxu l-irħam u kienu konsapevoli tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-irħama, jekk l-użu ta'* 'torque spanner' *kien daqstant importanti, allura kien sta għalihom illi jgħaddu din l-informazzjoni lis-soċjetà intimata Camino Hearth at Home Ltd.*

*Illi fir-rigward tat-tieni ipoteżi, (u t-Tribunal huwa aktar propens illi jaqbel ma' din l-ipoteżi) jekk l-installazzjoni tal-irħam ma saritx kif suppost u jekk kien hemm*

*distakk żgħir bejn il-ħajt u l-irħam (fn. 3: dan ġie konfermat kemm mill-espert Peter Gatt kif ukoll minn David Borg) dan x'aktarx ikkawża x-xaqq, u ta' dan għandu jaħti wkoll min waħħal l-irħam.*

*Mir-riżultanzi u mill-provi, it-Tribunal huwa sodisfatt li jekk l-irħam ma jkunx issiġillat sew mal-ħajt u imbagħad jiġi espost għall-elementi (sħana/umdità, eċċ) mingħajr appoġġ adegwat, l-irħam ikun aktar suxxettibbli għal qsim.*

*Ikkunsidra*

*Illi s-soċjetà Halmann Vella Ltd kellha diversi opportunitajiet biex tidher quddiem dan it-Tribunal biex tagħti l-verżjoni tagħha u/jew tiskredita l-argumenti, opinjonijiet u x-xhieda li xehdu, jew anke biex tikkonferma jekk din il-ħsara hija biss superfiċjali u jekk setgħetx tiġi rranġata. Hija kienet fl-aħjar pożizzjoni li tixhed dwar il-*quantum *pretiż mill-atturi, anki tenut kont tal-fatt illi mhux l-irħam kollu huwa mxaqqaq.*

*Kif qalet tajjeb is-soċjetà Camino Hearth at Home Ltd,* "Halmann Vella Ltd uriet nuqqas ta' interess fil-kawża u naqset ukoll milli tikkontesta l-provi kollha mqajma tul dawn il-proċeduri, inkluż li teżerċita l-fakultà li teżamina x-xhieda kollha prodotti, tirribatti l-argumenti tal-esponenti, u tippreżenta provi in sostenn tal-allegazzjoni minnha mqajma fir-risposta tagħha".

*Għalhekk fl-isfond tas-suespost, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi li jilqa' parzjalment it-talba tal-atturi u, filwaqt li jillibera lis-soċjetà Camino Hearth at Home Ltd mill-osservanza tal-ġudizzju jikkundanna lis-soċjetà Halmann Vella Ltd li, fi żmien xahar mid-data ta' din is-sentenza jirrimpjazzaw, a spejjeż tagħhom iż-żewġ irħamiet danneġġati u, fin-nuqqas tikkundanna lill-istess soċjetà Halmann Vella Ltd li tħallas lill-atturi s-somma ta' elfejn u tliet mitt euro (€2,300). Bl-ispejjeż kontra l-istess soċjetà Halmann Vella Ltd."*

## **<u>L-Appell</u>**

6. Fir-rikors tal-appell imressaq fit-3 ta' Ġunju, 2024, is-soċjetà intimata spjegat li hija ħassitha aggravata bid-deċiżjoni appellata, u għalhekk talbet lil din il-Qorti tgħaddi sabiex tilqa' l-aggravji tagħha, u sussegwentement tgħaddi sabiex tħassar, tirrevoka u tannulla d-deċiżjoni appellata, tilqa' l-ewwel u t-tieni eċċezzjoni tas-soċjetà Halmann Vella Ltd, u tilliberaha mill-osservanza tal-

ġudizzju, u sussegwentement tgħaddi biex tiddikjara li hija s-soċjetà appellata Il Camino Hearth at Home li hija responsabbli għat-talbiet tal-atturi, kif ukoll talbet lil din il-Qorti tordna lis-soċjetà Il Camino Hearth at Home tagħmel tajjeb għall-ispejjeż taż-żewġ istanzi.

7. Is-soċjetà appellanta qajmet erba' aggravji: (i) li t-Tribunal warrab ir-rapport tal-Perit Tekniku maħtur mit-Tribunal stess, skarta l-istess rapport meta din il-kawża kienet fuq punt tekniku, skarta l-provi tekniċi li s-soċjetà Halmann Vella ressqet quddiem il-Perit Tekniku, li kienu l-uniċi provi li kellha ttella' s-soċjetà appellata, u l-prova reġina li kellha ssolvi l-kwistjoni bejn il-partijiet, u minflok it-Tribunal għażel li jsib lis-soċjetà Halmann Vella Limited responsabbli għat-talbiet tal-atturi; (ii) it-Tribunal skarta għal kollox il-fatt li s-soċjetà Il Camino Hearth at Home Limited lanqas biss ressqet risposta fil-proċeduri li saru quddiemu, u għalhekk kienet kontumaċi, imma din xorta waħda tħalliet tressaq il-provi tagħha; (iii) minkejja li r-rapport tal-Perit Tekniku kkonkluda li hija s-soċjetà Il Camino Hearth at Home Limited li għandha tinżamm responsabbli minħabba nuqqas ta' użu ta' *torque control spanner* li kkaġuna x-xquq fl-irħama, it-Tribunal iddeċieda li jillibera lill-istess soċjetà mill-osservanza tal-ġudizzju; u (iv) is-soċjetà appellanta m'għandhiex tbati l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri.

8. Is-soċjetà appellanta qalet li fi Frar tal-2021 l-appellati Sciortino ordnaw irħama mingħandha, filwaqt li l-*fireplace* ordnawh mingħand is-soċjetà Il Camino Hearth at Home Limited. Is-soċjetà appellanta qalet li hija kienet spjegat lill-esponenti tas-soċjetà Il Camino Hearth at Home Limited fejn kellhom jiġu t-toqob, u fil-fatt dawn saru minnha sabiex jiġu evitati problemi. Is-soċjetà appellanta qalet li David Borg ġab lin-nies tiegħu sabiex jinstallaw il-*fireplace* fit-

toqob eżistenti, u ġimagħtejn wara l-installazzjoni tal-*fireplace* ħareġ l-ewwel xaqq. Is-soċjetà appellanta qalet li s-soċjetà Il Camino Hearth at Home Limited qalet li ħadd min-naħa tas-soċjetà appellanta ma spjegalha kif għandu jeħel il-*fireplace* u x'tip ta' *spanner* irid jintuża, u lanqas ma ngħatat informazzjoni dwar in-natura tal-irħam u l-ammont ta' pressjoni li jiflaħ fuqu. Is-soċjetà appellanta qalet li l-*fireplace* twaħħal minn ċertu Anthony Faenza, u dan waħħlu skont l-*installation and maintenance manual* tal-*fireplace,* bl-użu ta' *spanner* normali biex jorbot il-*bolts*. Is-soċjetà appellanta qalet li t-Tribunal ħatar lill-perit Godwin Abela bħala espert tekniku f'dawn il-proċeduri, iżda imbagħad it-Tribunal għażel li jiskarta l-konklużjonijiet tal-istess perit.

9. B'riferiment għall-ewwel aggravju tagħha, is-soċjetà appellanta qalet li hija ħassitha aggravata għaliex it-Tribunal mhux biss skarta r-rapport tal-perit tekniku, iżda anki l-provi miġjuba minnha. Is-soċjetà appellanta qalet l-unika prova fiċ-ċirkostanzi ta' din il-kawża kienet il-prova tal-kwalità tal-materjal ipprovdut minnha, u fil-fatt hija pproduċiet espert *ex parte* sabiex jixhed dwar l-ispeċifikazzjonijiet, dwar id-dettalji tal-irħama, u b'din il-prova hija riedet turi li l-irħama kienet tiflaħ għan-nar, kienet irħama li tiflaħ għall-użu li kien ser isir minnha, u din la kienet difettuża u lanqas ma kellha xejn ħażin. Is-soċjetà appellanta qalet li l-Perit Tekniku fil-fatt ikkonkluda li kienet il-pressjoni tal-irbit tal-*bolts* tas-*supporting frame* tal-*fireplace,* probabbilment minħabba n-nuqqas ta' użu ta' *torque control spanner* biex jaċċerta li l-pressjoni tal-irbit ma tkunx aktar mill-*modulus of rupture/flexible strength* ta' 11.30MPA, kif indikat fl-ispeċifikazzjonijiet tal-irħama pprovduta mis-soċjetà Halmann Vella Limited, li kkawżat ix-xquq fl-irħama. Is-soċjetà appellanta qalet li mill-provi rriżulta li hija ġiet inkarigata biex tissupplixxi l-irħama, u għalhekk ma kienet meħtieġa l-ebda

prova oħra sabiex tiġi milqugħha l-ewwel eċċezzjoni tagħha, għaliex mhux hija installat iċ-ċumnija li għamlet il-ħsara lill-irħama, u kellha tiġi milqugħha wkoll it-tieni eċċezzjoni tagħha, jiġifieri li hija pprovdiet irħama tal-kwalità pattwita, li ġiet installata skont is-sengħa u l-arti, u l-fatt li l-irħama xxaqqet, m'għandhiex twieġeb għalih hi. Is-soċjetà appellanta qalet li l-Perit Tekniku li mar fis-sit, fl-ebda waqt ma kkonkluda li l-irħama kienet twaħħlet ħażin, u dan il-perit saħansitra kkonkluda li m'hemm l-ebda prova li tali xaqq huwa manifest fil-ħxuna tal-irħama, u għalhekk jista' jkun li huwa xaqq superċifjali. Is-soċjetà appellanta qalet li in vista ta' dan kollu, hija ma tistax tifhem kif it-Tribunal seta' jiskarta l-opinjoni teknika tal-Perit Tekniku inkarigat minnu, u jikkonkludi li t-tort aħħari huwa tas-soċjetà Halmann Vella Limited. L-appellanta qalet li l-inkarigu li hija ngħatat kien biss li tipprovdi l-irħama, u li twaħħalha, kif fil-fatt għamlet, u kellha tassigura li l-irħama pprovduta minnha, tkun tiflaħ għall-*fireplace.* Qalet li jekk is-soċjetà appellata naqset milli tuża l-għodda meħtieġa skont is-sengħa u l-arti, twieġeb hi għal dak in-nuqqas u mhux is-soċjetà appellanta. Is-soċjetà appellanta qalet li t-Tribunal ma setax lanqas jasal għall-konklużjoni li l-installazzjoni tal-irħama ma saritx kif suppost, u tħalla distakk żgħir bejn il-ħajt u l-irħam, u li kien dan li x'aktarx ikkawża x-xaqq, għaliex dan ma jirriżultax mill-provi jew mill-konstatazzjonijiet tal-Perit Tekniku.

10. B'riferiment għat-tieni aggravju tagħha dwar il-fatt li s-soċjetà appellata baqgħet kontumaċi f'dawn il-proċeduri u xorta waħda tħalliet tressaq il-provi tagħha, u skartat il-provi mressqin mis-soċjetà Ħal Mann quddiem il-Perit Tekniku. Is-soċjetà appellanta qalet li hija ressqet l-eċċezzjonijiet tagħha fil-ħin, u skont il-liġi. Qalet li r-rimarka tat-Tribunal li dawn kellhom ikunu maħlufin, ma hija minnha xejn, għaliex imkien ma jirriżulta fil-liġi li risposta trid tkun maħlufa.

Tgħid ukoll li t-Tribunal naqas milli jikkunsidra l-fatt li s-soċjetà appellata kienet kontumaċi, u kien il-Perit Tekniku li ġabar il-provi li kellhom iressqu l-partijiet, u minflok ma ikkunsidra l-piż li għandu jingħata Perit Tekniku maħtur minn qorti jew tribunal, it-Tribunal impressjona ruħhu b'rapport *ex parte* ta' ġeologu, li fil-kontro-eżami tiegħu qal li ma kienx kompitu tiegħu li jgħid jekk intużatx l-għodda adattata, *torque spanner*, għat-twaħħil tal-*fireplace* in kwistjoni. Is-soċjetà appellanta qalet li ladarba sa mill-bidu tal-proċeduri, kien hemm qbil fuq il-ħatra ta' Perit Tekniku, ma kien hemm xejn x'iżommha milli tistrieħ fuq ir-rapport tal-Perit Tekniku u xejn aktar.

11. B'riferiment għat-tielet aggravju tagħha, is-soċjetà appellanta qalet li t-Tribunal ma setax u ma kellux jikkonkludi li s-soċjetà Il Camino Hearth at Home Limited kellha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju, u hija lanqas m'għandha tbati xi forma ta' spejjeż marbuta ma' dawn il-proċeduri għaliex hija daħħlet risposta, daħħlitha fil-ħin, ressqet provi tekniċi, u kellha kull dritt tistrieħ fuq ir-rapport tal-Perit Tekniku li kien favur tagħha.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

12. Is-soċjetà appellata wieġbet li mhuwiex minnu li t-Tribunal injora r-rapport tal-Perit Tekniku kif allegat mis-soċjetà appellanta, imma t-Tribunal qies minflok ir-rapport tal-ġeologu Peter Gatt, kif kellu kull dritt u dmir li jagħmel. Qalet li l-materja in kwistjoni hija waħda li taqa' purament fil-kompetenza ta' ġeologu u mhux ta' perit li jeżerċita l-professjoni tiegħu ta' arkitett. Qalet li għalhekk m'għandu jkun hemm l-ebda dubju li t-Tribunal wasal għall-konklużjonijiet tiegħu abbażi ta' evalwazzjoni profonda tal-mertu u tas-sustanza tal-kawża, fejn qabbel iż-żewġ rapporti. Is-soċjetà appellata qalet li Dr Peter Gatt

huwa l-President tal-*Malta Chamber of Geologists*, u din il-kariga tirrifletti l-integrità tiegħu, apparti l-fatt li r-rapport tiegħu kien ferm aktar dettaljat u spjegat minn dak tal-Perit Tekniku. Is-soċjetà appellata saħqet li t-Tribunal bl-ebda mod m'huwa marbut bir-rapport ta' Perit Tekniku imqabbad minnu, jew li kellu jaċċetta l-konklużjonijiet. Qalet li anki l-Perit Tekniku imqabbad mit-Tribunal għamel diversi konklużjonijiet fir-rapport tiegħu, fosthom li jirriżulta li l-*fireplace* twaħħal skont dak deskritt fid-dokument A, u li jirriżulta li l-*bolts* li ntużaw kienu jifilħu għall-piż tal-*fireplace* ta' 117 kilogrammi, u dan juri biċ-ċar li l-installazzjoni min-naħa tagħha saret kif suppost u skont is-sengħa u l-arti. Is-soċjetà appellata kompliet tgħid li l-Perit Tekniku ibbaża l-konklużjoni tiegħu fuq sempliċi mistoqsija lil-lavrant Anton Faenza, jiġifieri jekk intużax *torque spanner* biex jissikka l-*bolts*. Qalet li lanqas ma ngħatat spjegazzjoni dwar x'wassal għal din il-konklużjoni, jew jekk kienx hemm kriterji oħra li setgħu wasslu għal tali xquq. Qalet li l-Perit Tekniku, malli sema' li ma kienx intuża *torque spanner* biex jiġu ssikkati l-*bolts* iddeċieda li jieqaf hemm, u ma għamel l-ebda mistoqsija ulterjuri. Is-soċjetà appellata qalet li ma ngħatat l-ebda spjegazzjoni teknika dwar l-installazzjoni tal-irħama u l-*fireplace,* iżda li l-Perit Tekniku straħ fuq il-*manuals* li pprovdewlu s-soċjetà appellata u s-soċjetà appellanta. Is-soċjetà appellata qalet li għalhekk huwa evidenti li r-rapport tal-Perit Tekniku huwa wieħed ġeneriku għall-aħħar, għaliex ma daħalx f'evalwazzjoni dettaljata dwar kif wasal għall-konklużjonijiet tiegħu li l-irħam ixxaqqaq kawża ta' pressjoni żejda minħabba li ma ntużax *torque spanner.* Is-soċjetà appellata qalet li ma sar l-ebda stħarriġ mill-Perit Tekniku sabiex jissostanzja l-konsiderazzjonijiet tiegħu, u partikolarment dwar ir-rabta bejn il-metodu tat-twaħħil tal-*bolts* u l-oriġini tax-xquq, u lanqas ma ġie kkalkulat kemm fihom piż il-*bolts* li ġew issikkati minn

Anton Faenza meta uża *spanner* normali. Qalet li huwa ċar li r-rapport tal-Perit Tekniku huwa bbażat biss fuq dak li ntqal lilu waqt l-aċċess li sar fil-fond, kif ukoll fuq ipoteżijiet ġeneriċi li ma ġewx ivverifikati. Is-soċjetà appellata qalet li dan joħroġ ċar fir-risposta ulterjuri għad-domanda in eskussjoni dwar l-oriġini tax-xaqq li kien ftit ċentimetri 'l isfel mill-*bolt*, fejn il-Perit Tekniku għamel riferiment għall-fatt li l-appellati Sciortino ndikaw li l-irħam ma kellu l-ebda difett qabel ma tpoġġa f'postu. Is-soċjetà appellata qalet li l-appellati Sciortino huma l-konsumaturi f'dawn il-proċeduri, u dawn ma setgħux ikunu jafu jekk l-irħam kellux xi difett qabel tpoġġa f'postu. Is-soċjetà appellata qalet li lanqas ma ġie kkunsidrat jekk ix-xquq ġewx ikkawżati minn xi fattur ieħor li jista' jkun estraneju għall-kawża, u lanqas ma ngħatat spjegazzjoni għaliex ix-xquq ħarġu ftit ċentimetri 'l isfel mill-*bolt* u mhux mal-*bolt* eżatt. Qalet li l-Perit Tekniku kien mistenni li jagħmel stħarriġ indipendenti u imparzjali, mingħajr ma jkun influwenzat minn dak li jgħidulu l-partijiet. Qalet ukoll li r-rwol tal-Perit Tekniku għandu jmur oltre dak li jirriżulta *prima facie*, billi jikkunsidra u jevalwa fil-fond dak kollu li oġġettivament jista' jirriżultalu mill-analiżi tiegħu.

13. Is-soċjetà appellata qalet li għall-kuntrarju, ir-rapport tal-espert *ex parte* Dr Peter Gatt huwa ferm aktar dettaljat, u spjegat li dan wasal għall-konklużjoni tiegħu mhux abbażi ta' dak li ntqal lilu, imma fuq stħarriġ indipendenti abbażi tan-natura u l-karatteristiċi tax-xquq relatati mal-kwalità tal-irħam. Qalet ukoll li Dr Peter Gatt, kemm fir-rapport kif ukoll fix-xhieda tiegħu, ikkunsidra aspetti oħra li ma kinux ikkunsidrati mill-Perit Godwin Abela, bħall-fatt li n-natura u l-*pattern* tal-fratturi mhumiex konsistenti ma' fratturi kkawżati minn forma ta' ssikkar, għaliex f'dak il-każ kienu jkunu *radial,* u għalhekk ikkonkluda li l-fratturazzjoni li ra mhijiex kompatibbli mal-issikkar tal-*bolts.* Is-soċjetà appellata

qalet li din hija konstatazzjoni ta' importanza kbira. Qalet ukoll li skont il-ġeologu Peter Gatt, l-fratturazzjoni tirriżulta minħabba ċaqliq fil-bini jew espansjoni tal-irħam minħabba s-sħana, u l-fatt li l-oriġini tax-xquq fuq in-naħa tal-*fireplace* tinsab 12-il ċentimetru 'l isfel mill-bolt, filwaqt li kieku l-fratturazzjoni kienet riżultat tal-issikkar, din kienet tibda mill-*bolt* innifsu. Fir-rapport tiegħu Dr Gatt kkonkluda wkoll li l-irħam ma kienx imwaħħal sew, għaliex meta taptap fuq l-irħama, induna li kien hemm ħoss vojt, filwaqt li l-irħam huwa mxaqqaq fuq żewġ partijiet tal-istruttura, u mhux biss fuq in-naħa tal-*fireplace,* anzi huwa ferm aktar imxaqqaq fil-parti li mhijiex qiegħda fejn twaħħal il-*fireplace.* Is-soċjetà appellata qalet li għalhekk huwa ċar li t-Tribunal qies il-provi kollha miġjuba quddiemu, u bbaża d-deċiżjoni tiegħu b'mod li wera li ma waqafx biss fuq ir-rapport tal-Perit Tekniku bħallikieku din kienet xi prova assoluta, iżda qies il-provi kollha li nġabu mill-partijiet fil-kawża. Is-soċjetà appellata qalet li kienet għażla tas-soċjetà appellanta li ma tieħux sehem attiv fil-proċeduri quddiem it-Tribunal, iżda issa qiegħda tippretendi li d-deċiżjoni għaqlija tat-Tribunal tiġi mwarrba.

14. B'riferiment għat-tieni aggravju tas-soċjetà appellanta, is-soċjetà appellata qalet li aggravju bħal dan messu tqajjem fil-bidu tal-kawża quddiem it-Tribunal u mhux fi stadju ta' appell, u jekk is-soċjetà appellanta kellha problema bil-parteċipazzjoni tagħha fil-proċeduri quddiem it-Tribunal, din messha ħadet azzjoni minnufih, u mhux stenniet sal-istadju tal-appell biex tagħmel tali oġġezzjoni. Is-soċjetà appellata qalet li s-soċjetà appellanta ma kinitx sodisfatta bid-deċiżjoni tat-Tribunal, u wara li hija ġabet diversi provi rilevanti għall-kawża, is-soċjetà appellanta issa qiegħda tara kif telimina dawn il-provi. Qalet li mhux minnu li hija kienet kontumaċi fil-proċeduri quddiem it-

Tribunal, u l-Liġi Sussidjarja 378.01 tipprovdi għal proċedura partikolari f'każijiet fejn l-intimat ma jippreżentax risposta. Qalet li fil-każ preżenti, is-soċjetà appellanta naqset milli titlob għal ordni ta' inadempjenza, u għalhekk ma tistax is-soċjetà appellata tiġi ppreġudikata f'dan l-istadju tal-appell. Is-soċjetà appellata qalet li ladarba ma tqajmet l-ebda oġġezzjoni minn l-ebda parti, kien hemm aċċettazzjoni ċara tal-parteċipazzjoni sħiħa tagħha f'dawn il-proċeduri, u fi kwalunkwe każ it-Tribunal għandu l-libertà u d-diskrezzjoni dwar kif għandu jamministra u jistrada l-kawża. Hawnhekk is-soċjetà appellata rreferiet għal dak li jipprovdi l-artikolu 23 tal-Kap. 378, li jgħid li l-Arbitru għandu jirregola l-proċedimenti quddiem it-Tribunal bil-mod li huwa jaħseb li jkun xieraq sabiex issir ġustizzja, u dan skont id-dettami tal-ġustizzja naturali, filwaqt li s-sub-inċiż (3) tal-istess artikolu jgħid li ebda proċediment ma jitqies invalidu minħabba n-nuqqas ta' tħaris ta' xi formalità, sakemm wieħed ikun mexa b'mod konformi mar-regoli. Is-soċjetà appellata qalet li finalment irid jiġi kkunsidrat li minkejja li hija ma daħħlet ebda risposta, hija dejjem kienet preżenti waqt is-seduti tat-Tribunal u pparteċipat fil-kawża b'mod sħiħ, u pjuttost kienet is-soċjetà appellanta li naqset milli tieħu sehem fil-kawża minkejja li kellha kull interess li tagħmel dan.

15. B'riferiment għat-tielet aggravju mressaq mis-soċjetà appellanta, is-soċjetà appellata qalet li t-Tribunal mhuwiex marbut li jaqbel mal-konklużjonijiet tal-Perit Tekniku inkarigat minnu, aktar u aktar meta jkollu quddiemu rapport spjegat u dettaljat bħal ma huwa r-rapport tal-espert *ex parte.* Qalet li kien għaqli għalhekk it-Tribunal li straħ fuq rapport ta' espert kompetenti fil-materja.

16. B'riferiment għar-raba' aggravju mressaq mis-soċjetà appellanta, is-soċjetà appellata qalet li din il-Qorti għandha tikkonferma id-deċiżjoni appellata, u għalhekk hija s-soċjetà appellanta li għandha tbati l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri. Is-soċjetà appellata qalet li minn dak premess għandu jsegwi li l-appell huwa fieragħ u vessatorju, u huwa intiż biss biex itawwal inutilment il-proċeduri bejn il-partijiet, b'dan illi hemm lok fejn din il-Qorti tikkundanna lis-soċjetà appellanta għall-ħlas ta' spejjeż doppji.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

17. Il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mis-soċjetà appellanta fir-rikors tal-appell tagħha, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mit-Tribunal fid-deċiżjoni appellata, u tas-sottomissjonijiet li saru mis-soċjetà appellata.

*L-Ewwel Aggravju:* *[It-Tribunal ma messux skarta r-rapport tal-Perit Tekniku u l-provi tekniċi ppreżentati mis-soċjetà appellanta]*

18. Is-soċjetà appellanta hija tal-fehma li fil-każ preżenti t-Tribunal żbalja meta mhux biss skarta r-rapport tal-Perit Tekniku, imma anki l-provi miġjuba minnha, senjatament dawk marbuta mal-ispeċifikazzjonijiet tal-irħama pprovduta minnha, il-prova li din kienet tiflaħ għan-nar, u l-prova li din kienet tiflaħ għall-użu li kien maħsub li jsir minnha, kif ukoll li l-irħama ma kinitx difettuża. Is-soċjetà appellanta qalet li l-Perit Tekniku inkarigat mit-Tribunal, wasal għall-konklużjoni li d-difett fl-irħama irriżulta għaliex ma ntużax *torque*

*control spanner* għall-issikkar tal-*bolt,* u fi kwalunkwe każ hija m'għandhiex tinżamm responsabbli għall-installazzjoni taċ-ċumnija għaliex din ma saritx minnha. Is-soċjetà appellanta qalet ukoll li hija ġabet prova li l-irħama kienet tal-kwalità pattwita, u li din twaħħlet skont is-sengħa u l-arti.

19. Il-Qorti tirrileva li fil-każ preżenti t-Tribunal irrimarka li kellu quddiemu żewġ rapporti b'konklużjonijiet differenti, imma fiż-żewġ rapporti tiġi espressa l-fehma li jista' jkun hemm aktar minn raġuni waħda li wasslet għax-xquq li jirriżultaw fl-irħama. Imma t-Tribunal, wara li qies il-provi kollha, ikkonkluda li r-responsabbilità għad-difett li rriżulta fl-irħama kellu jinġarr mis-soċjetà appellanta Halmann Vella Limited bħala l-fornitur tal-irħama, li naqset milli tinforma lis-soċjetà appellata li kellu jintuża *torque control spanner* għat-twaħħil tal-*bolt* fl-irħama, u huwa min waħħal l-irħama li għandu jwieġeb għax ma twaħħlitx kif suppost. Biex wasal għal din il-konklużjoni, it-Tribunal straħ fuq dak li rrelata l-ġeologu Dr Peter Gatt, li ppreżenta rapport dettaljat u xjentifiku, fejn qal li huwa taptap fuq l-irħama u kkonstata li tħalla vojt bejn l-irħama u l-ħajt, li jindika għalhekk li l-irħama ma twaħħlitx kif suppost meta ġiet ingaljata mal-ħajt, u dan irrenda l-irħama aktar suxxettibbli għall-qsim. Il-Qorti tqis li minkejja li kien it-Tribunal li ddeċieda li għandu jinkariga lill-Perit Tekniku sabiex dan iħejji rapport in vista tat-talbiet tal-atturi, m'hemm xejn x'iżomm lit-Tribunal milli jikkunsidra provi oħra, inkluż rapport *ex parte,* jekk tali prova tkun aktar konvinċenti mir-rapport tal-Perit Tekniku. Hawnhekk il-Qorti tagħmel riferiment għal dak li ġie deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Raymond Mallia noe *vs.* Martin Mizzi noe**[1], fejn il-Qorti stabbiliet illi:

---

[1] P.A.Q.Ċ., 28.05.2003.

> *"Issa huwa minnu u ġuridikament korrett li jiġi osservat li l-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti jikkostitwixxu prova ta' fatt u allura, bħal materji istruttorji oħrajn, kontrollabbli mill-ġudikant. Tant dan hu hekk illi l-Artikolu 681 tal-Kapitolu 12 jipprovdi li l-Qorti ma hijiex tenuta jew marbuta li taċċetta l-konklużjonijiet tar-rapport tal-perit kontra l-konvinzjoni tagħha nfisha;*
>
> *Eppure, kif insenjat f'ġurisprudenza assodata, il-Qorti però* "ma tistax tagħmlu b'mod leġġer jew kapriċċjuż". *(**"Philip Grima – vs – Carmelo Mamo et nomine"**, Appell, 29 ta' Mejju, 1998). Anzi,* "kellu jingħata piż debitu lill-fehma teknika tal-espert nominat billi l-Qorti ma kellhiex leġġerment tinjora dik il-prova" *(**"Joseph Saliba – vs – Joseph Farrugia"**, Appell, 28 ta' Jannar, 2000) meta din tkun tesprimi l-*"giudizio dell'arte" *tal-perit tekniku (**"Giswarda Bugeja et – vs – Emmanuele Muscat et"**, Appell, 23 ta' Ġunju, 1967);*
>
> *Dan hu hekk il-każ aktar u aktar meta ma jinġiebu l-ebda raġunijiet li gravement ipoġġu fid-dubju dik l-opinjoni teknika, u, anzi, dik l-istess opinjoni tibqa' waħda konvinċenti, anke taħt it-tiroċinju ta' eskussjoni elaborata u serrata, kif jidher li kien il-każ taħt eżami;".*

20. Tul is-snin, il-Qrati tagħna taw diversi deċiżjonijiet li lkoll kienu ta' din il-fehma, li l-ebda qorti m'għandha tkun marbuta bil-fehma espressa minn perit jew espert maħtur mill-istess qorti, kontra l-konvinzjoni tagħha stess, iżda bil-*caveat* li m'għandiex tiddipartixxi mill-konklużjoni milħuqa mill-espert inkarigat mill-Qorti għal raġunijiet. Dr Peter Gatt fir-rapport tiegħu jgħid li meta taptap fuq l-irħama, seta' jikkonstata li kien hemm il-vojt, li jindika għalhekk li kien hemm nuqqasijiet meta l-irħama ġiet mwaħħla. Dr Gatt spjega li l-aktar xaqq fond mhuwiex qiegħed man-naħa fejn twaħħal il-*fireplace.* Dr Gatt spjega li x-xquq jibdew minn madwar 12-il ċentimetru 'l isfel mill-*bolt*, u għalhekk l-indikazzjoni hija li l-għodda li ntużat biex ġie ssikkat il-*bolt,* ma kinitx hi li kkawżat il-ħsara, għaliex li kieku kien hekk, ix-xaqq kien jibda minn mal-*bolt,* u mhux minn distanza ta' 12-il ċentimetru aktar 'l isfel. Min-naħa l-oħra, fir-rapport tal-Perit Tekniku inkarigat mit-Tribunal jiġi enfasizzat li l-ħsara ġiet ikkawżata

għaliex ma ntużax *torque spanner* mill-persuna li waħħlet l-irħama. Fuq kollox Dr Peter Gatt ikkonkluda li l-fratturazzjoni fl-irħama mhijiex kompatibbli mal-mod kif ġew issikkati l-*bolts,* u huwa dan il-fattur li jwassal anki lil din il-Qorti għall-konvinzjoni li t-Tribunal kien korrett meta ta piż akbar lir-rapport tal-espert *ex parte* milli lir-rapport tal-Perit Tekniku nkarigat mit-Tribunal. Il-konklużjonijiet u l-ispjegazzjonijiet mogħtija mill-espert *ex parte,* huma aktar xjentifiċi minn dawk mogħtija mill-perit inkarigat mit-Tribunal, u l-Qorti tqis li huwa għalhekk li t-Tribunal warrab il-konklużjonijiet tal-Perit Tekniku u straħ fuq l-ispjega mogħtija mill-espert *ex parte.* Ċertament li dan ma sarx b'kapriċċ, iżda sempliċiment għaliex l-ispjegazzjoni mogħtija fir-rapport ta' Dr Gatt hija aktar verosimili u xjentifikament spjegata. Għaldaqstant il-Qorti tqis li l-ewwel aggravju mressaq mis-soċjetà appellanta mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu.

*It-Tieni Aggravju:* *[It-Tribunal injora għal kollox il-fatt li s-soċjetà appellanta kienet kontumaċi, u tħalliet tressaq il-provi tagħha quddiemu]*

21. Is-soċjetà appellanta qalet li hija ħassitha aggravata wkoll għaliex għalkemm is-soċjetà appellata baqgħet kontumaċi, hija xorta waħda tħalliet tressaq il-provi tagħha. Qalet li l-eċċezzjonijiet tagħha tressqu fil-ħin, u minkejja l-mod kif imxiet is-soċjetà appellata, li lanqas biss ressqet risposta għat-talbiet tal-atturi, finalment it-Tribunal straħ fuq ir-rapport tal-espert *ex parte* ppreżentat mis-soċjetà appellata, fejn l-espert *ex parte* kkonstata li mhuwiex kompitu tiegħu jiddeċiedi jekk fil-każ preżenti ntużatx għodda adegwata jew le. Il-Qorti tirrileva li l-artikolu 4.1 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 378.01 jipprovdi illi:

> "L-intimat għandu tmintax-il jum biex iwieġeb għal talba li jibdew għaddejjin mill-jum meta huwa jiġi notifikat bl-Avviż tat-Talba. Jekk l-intimat jonqos milli jwieġeb, ir-rikorrrent jista' skont ir-regola 6, jirrikorri lejn it-Tribunal sabiex tinħareġ ordni ta' inadempjenza kontra l-intimat."

22. F'dan il-każ ma jirriżultax li intalab sabiex tinħareġ ordni ta' inadempjenza fil-konfront tas-soċjetà appellata, u għalhekk jirriżulta li r-rimedju disponibbli quddiem it-Tribunal baqa' ma ntużax, għaliex la l-appellati Sciortino u lanqas is-soċjetà appellanta, li kellha interess, ma ssollevaw xi difett proċedurali meta s-soċjetà appellata tħalliet tressaq il-provi tagħha u tipparteċipa fil-proċeduri quddiem it-Tribunal. Kien hemm rimedju li l-partijiet l-oħra fil-kawża naqsu milli jagħmlu użu minnu, u għalhekk din il-Qorti ma tistax tiċċensura l-*modus operandi* mħaddem mit-Tribunal ladarba kien hemm akkwiexxenza għall-mod kif mexxa l-proċeduri quddiemu. Għaldaqstant tqis li dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu wkoll.

*It-Tielet Aggravju:* *[Is-soċjetà appellata ma kellhiex tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju]*

23. Is-soċjetà appellanta tgħid li s-soċjetà appellata ma kellhiex tiġi meħlusa mill-osservanza tal-ġudizzju, ladarba rriżulta li l-ħsara ġiet ikkawżata għaliex il-ħaddiem tagħha naqas milli jagħmel użu minn għodda adegwata meta ġie biex iwaħħal l-irħama.

24. Din il-Qorti diġà għamlet il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar għalfejn it-Tribunal ma bbażax il-konklużjonijiet tiegħu fuq ir-rapport tal-Perit Godwin Abela, u għalfejn anki din il-Qorti ħasset il-ħtieġa li tagħmel tagħha l-konklużjonijiet li wasal għalihom il-ġeologu Dr Peter Gatt, għaliex l-ispjega

xjentifika tiegħu hija aktar dettaljata u loġika minn kwalunkwe spjegazzjoni oħra. Fuq kollox, ir-rapport ta' Dr Gatt jispjega għal liema raġuni fil-fehma tiegħu it-twaħħil tal-*bolt* u l-mod kif dan ġie invitati, ma kienx l-kawża tal-fratturazzjoni tal-irħama, anki jekk Dr Gatt jippreċiża li huwa m'għandux il-kompetenza meħtieġa sabiex jiddeċiedi jekk f'dan il-każ intużatx l-għodda adegwata. Għaldaqstant din il-Qorti jkollha taqbel mal-konklużjoni tat-Tribunal, li s-soċjetà appellata kellha tinħeles mill-osservanza tal-ġudizzju, għaliex din ma kellha l-ebda responsabbilità x'iġġorr għall-ħsara li saret.

*Ir-Raba' Aggravju:* *[Il-kap tal-ispejjeż]*

25. Is-soċjetà appellanta tgħid li hija s-soċjetà appellata li kellha tiġi kkundannata biex tagħmel tajjeb għall-ispejjeż taż-żewġ istanzi. Din il-Qorti tirrileva li dan kien ikun korrett li kieku l-aggravji mressqa mis-soċjetà appellanta ġew milqugħa, imma dan mhux il-każ, u għalhekk in omaġġ għall-prinċipju li l-parti telliefa għandha tintalab tagħmel tajjeb għall-ispejjeż, hija s-soċjetà appellanta li għandha tiġi kkundannata tagħmel tajjeb għall-ispejjeż.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti tiddisponi minn dan l-appell billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri fiż-żewġ istanzi, għandhom ikunu a karigu tas-soċjetà appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**